# FEJN WASLET IL-LETTERATURA MALTIJA

Ta' GEORGE STEVENS

Huwa fatt li l-lum il-Malti ħa l-post li jixraqlu fost is-soċjetà u l-poplu tagħna, ħaġa li biha għandna nkunu soddisfatti u li tagħmlilna ġieh bħala nazzjon. It-twelid u l-iżvilupp tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u, bl-inizjativa u t-tħabrik tagħha, l-għarfien uffiċjali ta' lsien art twelidna, taw skop aktar u spirtu ġdid għall-kitba letterarja bil-Malti li, min-nisel tal-Għaqda msemmija 'l hawn, baqgħet dejjem tix-xettel u tistagħna. Il-lum, il-letteratura Maltija stabbiliet ruħha bħala letteratura li ma tagħmilx għajb lil-letteratura ta' pajjiżi oħra kulturali. Meta tqis kemm hu qasir iż-żmien mindu l-Malti ġie magħruf uffiċjalment u ċ-ċokon tan-nazzjon tagħna, tasal biex tgħid li l-letteratura tagħna warrdet malajr u kattret frott bnin aktar milli kien mistenni. Iżda ħalli nieqfu ftit u nagħtu daqsxejn daqqa t'għajn lura. Naraw x'għad jonqos u x'jista' jsir. Ngħidu aħna, nistgħu nammettu li l-lum il-qagħda tal-letteratura hija ta' soddisfazzjoni għal kollox? Nistgħu ngħidu li m'għandniex vojt kbir? Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li mxejna biżżejjed fl-oqsma kollha tal-kitba bil-Malti?

Jien ma naħsibx. Il-fehma tiegħi hi li għandna nuqqas ta' proporzjon, anzi fejn imxejna wisq u fejn bqajna lura kważi żżejjed. Nara li mxejna ħafna f'dik li hi poeżiji—għandna għadd sabiħ ta' xogħlijiet ta' valur kbir letterarju, ħaġa li għandna tabilħaqq għalfejn inkunu mkabbrin biha, ħaġa li tixhed tajjeb il-ħila tal-poeti tagħna. Dan huwa forsi r-riżultat ta' l-influwenza kbira, biex ngħid hekk manjetika, tal-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm li nebbaħ u ħeġġeġ għadd ġmielu ta' kittieba għall-vers Malti. Fil-proża, imma, b'mod speċjali f'ċerti fergħat, il-għadd ta' xogħlijiet letterarji huma ferm inqas. Nieħdu l-essay, bħala eżempju. Kemm-il ktieb għandna bil-Malti ta' l-essays? Waħdiet. Kemm għandna kittieba ta' l-essay ta' livell għoli biżżejjed? Tgħoddhom fuq subgħajk. Dan huwa fatt li ma jista' jiċħdu ħadd. Xogħlijiet ta' essays għad għandna ftit u hemm bżonn inħeġġu l-kittieba biex jippruvaw ħilithom f'din il-fergħa moderna tal-letteratura ħalli jimtela vojt kbir li ilu jeżisti ħafna. Jeħtieġ ikollna essays fuq suġġetti varji u li jolqtu l-ħajja ta' kuljum, essays fuq il-problemi tagħna, ukoll essays umoristiċi u semi-umoristiċi. Għandna b'mod speċjali nħajru lill-kittieba żgħażagħ biex jesploraw u jiżviluppaw aktar din il-linja.

Nuqqas, jew aħjar vojt ieħor fil-letteratura Maltija huwa t-traduzzjonijiet minn ilsna oħra ta' kitba magħrufa. Għalkemm għandna xi rumanzi u novelli maqluba għall-Malti, dawn huma ftit fin-numru

u mhux biżżejjed. Għaliex ma nippruvawx ukoll naqilbu fi lsienna xogħlijiet qosra, bħal "sketches", stejjer fil-qosor u studji kritiċi? Ħafna li ma jafux jaqraw ħlief bil-Malti għad ma tajnihomx iċ-ċans biżżejjed li japprezzaw xogħlijiet bħal dawn ta' awturi magħrufin. Hemm ħafna x'jista' jsir f'dan il-qasam. Ħaġa tajba u ta' kuraġġ hija li ħafna mill-kittieba tal-Malti huma wkoll midħla sewwa ta' ilsna oħra u għalhekk jistgħu jtuna traduzzjonijiet tajba ta' tagħlim, edukativi. It-traduzzjoni hija sengħa għaliha u għandha l-ġmiel, il-valur u l-individwalità tagħha. L-akbar preġju tat-traduzzjoni iżda hu li tgħallem u toħloq opportunità għall-apprezzament letterarju fost dawk li ma jafux ħlief bil-lingwa ta' art twelidhom.

Fatt ieħor li ma nistgħux niċħduh huwa dak li ftit inkiteb bil-Malti fuq il-ħajja soċjali tan-nies tagħna matul iż-żmenijiet. Kultant dwar dan fl-istampa naraw studji interessanti minn nies ta' l-affari tagħhom, studji li jitolbu sabar u riċerki, imma dawk li huma kotba tista' tgħid ftit għandna. Forsi ma nkunx qiegħed nesaġera jekk ngħid li f'dan il-kas aktar kellna kitba b'ilsna oħra minn studjużi barranin milli kitba minn Maltin. Dan ma jirriflettix tajjeb fuq l-interess tagħna f'dak li għandu x'jaqsam ma' art twelidna. L-istorja soċjali ta' pajjiżna għandna nieħdu aktar interess fiha għaliex għandna x'nitgħallmu minnha ħafna. Il-kittieba studjużi ta' din il-fergħa letterarja jkunu jagħmlu servizz kbir lill-poplu u b'mod speċjali lill-istudenti jekk, barra l-kontribuzzjonijiet letterarji fil-ġurnali, jieħdu ħsieb biex jiġbru f'kotba, aspetti interessanti tal-ħajja soċjali Maltija matul il-perijodi differenti ta' l-Istorja tagħna.

Bħala għeluq, ta' min igħid xi ħaġa żgħira fuq il-vokabolarju Malti, minħabba fis-siwi kbir li dan tabilfors għandu fil-letteratura. Il-lum bl-iżvilupp tax-xjenza, f'lingwi oħra dieħel u daħal ħafna kliem ġdid li sa ftit taż-żmien ilu ma konniex nafu bih. Il-kittieba tal-Malti meta jiġu biex jittraduċu dan il-kliem jew iħalluh kif inhu jew "jimmaltizzawh", forsi fuq kriterju tajjeb, forsi fuq kriterju ħażin, kif jidhrilhom huma. Il-kwistjoni hi li donnu ma hemm ebda regula fuq dan il-kliem u kulħadd jużah kif irid hu. Dan ma għandux ikun. Il-kliem ġdid, li issa għandna ħafna minnu u li qiegħed jiġi użat bl-addoċċ, għandu jiġi standardizzat minn kumitat responsabbli bl-iskop li fil-kitba jkollna uniformità u serjetà u wkoll nevitaw it-taħwid fost dawk li jistudjaw il-Malti. Jidhirli li l-idea prinċipali għandha tkun li, kemm jista' jkun, nagħtu sura Maltija lil ħafna kliem li għad m'għandniex kliem bil-Malti għalih, iżda li fl-istess ħin ma nkunux esaġerati u safisti żżejjed. Dan hemm bżonn isir biex il-vokabularju jiżdied u jistagħna bħal dawk ta' pajjiżi oħra. Għax fuq kollox, jekk ma jkollniex vokabularju għani kif jista' jkollna letteratura għanja?